Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

13.7.2026

EMENDI
136 - 355

Abbozz ta' rapport
Norbert Lins
(PE787.635v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0560 – 2025/0241(COD))

Emenda 136
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,	Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) ***u l-Artikolu 349*** tiegħu,

Or. pt

Emenda 137
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidraw il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM(2020)0381),

Or. en

Emenda 138
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 11,

13, 168(1), 169(1), 191 u 192(1) tiegħu,

Or. en

Emenda 139
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidraw il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the Cage Age" (C(2021)4747),

Or. en

Emenda 140
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869,

Or. en

Emenda 141
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Wara li kkunsidraw ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija "Mill-Għalqa Sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (2020/2260(INI)),

Or. en

Emenda 142
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, ***jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel***. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, ***l-Artikolu 39 tat-TFUE jipprevedi l-objettivi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li jinkludu li tkabbar il-produzzjoni agrikola, livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, li tagħmel is-swieq stabbli u li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti, u prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur, l-Artikolu 39 tat-TFUE jenfasizza wkoll li fl-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandhom jitqiesu l-karattru partikolari tal-attività agrikola u d-disparitajiet naturali ta' bejn id-diversi setturi u reġjuni agrikoli;*** Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.
[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT	[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT

EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 143
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa ***u*** jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel" tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa***, jiżguraw settur agroalimentari li jibqa' validu fil-futur u jiffunzjona fil-limiti planetarji,*** jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa. ***Jenħtieġ li dawn l-inċentivi li jagħmlu l-mudelli ta' produzzjoni ppruvati bħall-agrikoltura organika, il-prattiki agroekoloġiċi u l-prattiki li jtejbu l-istat ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet assoċjati mal-art agrikola, l-aktar attraenti u ta' benefiċċju finanzjarju għall-bdiewa.***

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 144
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"4 tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel***, filwaqt li tiġi żgurata r-reżiljenza fit-tul tas-settur li tirnexxi fi ħdan il-limiti planetarji permezz tal-protezzjoni tar-riżorsi naturali għal ħamrija b'saħħitha, ilma u arja nodfa u t-tnaqqis tal-emissjonijiet***. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-

KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 145
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"4 tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà ***u s-sikurezza*** tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa. ***Jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tal-PAK ma timminax l-objettivi ambjentali, klimatiċi u tal-benessri tal-annimali, minflok jenħtieġ li l-bdiewa jiġu appoġġati biex jiksbu standards ogħla.***

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 146
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, ***b'aktar*** flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi ***għall-bdiewa***.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, ***li tkun immirata lejn il-bdiewa li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-produzzjoni tal-ikel, li tipprovdi*** flessibbiltà ***akbar*** u bidla minn rekwiżiti ***ta' konformità*** għal inċentivi, ***b'appoġġ għall-vitalità ekonomika tal-azjendi agrikoli u l-preżervazzjoni tal-ambjent***.
[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI	[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI

EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 147
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] ħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] ħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm kont ta' jekk l-għanijiet ta' tiġdid ġenerazzjonali jintlaħqux u jekk il-bdiewa jsirux aktar reżiljenti.***

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-

[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-

ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. ro

Emenda 148
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu ***s-sigurtà*** tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata***, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa***.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu ***s-sovranità*** tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata.
[4] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.	[4] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. fr

Emenda 149
Camilla Laureti, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"[4] tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel" tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa***, jiżguraw settur agroalimentari li jiffunzjona fil-limiti planetarji,*** u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.
[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.	[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 150

Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel" tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, ***u*** jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"4 tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-objettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel ***u jrawmu koeżjoni soċjali u territorjali f'żoni rurali***. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.
[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.	[4]IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075.

Or. en

Emenda 151
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-valur miżjud Ewropew tal-infiq tal-PAK jinsab fil-kapaċità tagħha li tindirizza l-isfidi ta' interess fil-livell tal-Unjoni permezz ta' qafas ta' politika komuni u koordinat. Dan jinkludi l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa fis-suq intern kollu, il-prevenzjoni ta' distorsjonijiet u frammentazzjoni li jirriżultaw minn skemi nazzjonali u diverġenti ta' għajnuna, u l-użu strateġiku tar-riżorsi tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi komuni. B'mod partikolari, il-finanzjament tal-PAK jenħtieġ li jgħin biex jiggarantixxi introjtu ġust u stabbli għall-bdiewa, kif ukoll biex isaħħaħ u jippreżerva s-sovranità tal-ikel u r-reżiljenza tal-Unjoni. Dan għandu wkoll rwol kruċjali fiż-żamma u fl-iżvilupp tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-għarfien espert fil-qasam tal-produzzjoni u tal-provvista tal-ikel sostenibbli madwar l-Unjoni.

Or. fr

Emenda 152
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Dario Nardella, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Novembru 2025 intitolata "Qafas strateġiku għal bijoekonomija kompetittiva u sostenibbli tal-UE", il-Kummissjoni ddeskriviet kif il-PAK futura jenħtieġ li tappoġġa lill-bdiewa li jadottaw l-innovazzjoni tal-bijoekonomija kif ukoll prattiki sostenibbli u riġenerattivi, jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu u

jikkooperaw fi ktajjen ta' valur emerġenti. L-użu tal-bijomassa agrikola bħall-għelejjel u r-residwi intermedji biex tiġi prodotta bijomassa sostenibbli għall-bijoenerġija u użi ġodda jipprovdi opportunità biex jiġu diversifikati s-sorsi tal-introjtu tal-bdiewa, jissaħħu l-ktajjen tal-valur rurali, jingħata kontribut għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jiġi appoġġat l-objettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Dawn il-prattiki agrikoli sostenibbli jenħtieġ li jitqiesu kompatibbli ma' mekkaniżmi oħra ta' appoġġ tal-PAK.

Or. pt

Emenda 153
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Għall-ewwel darba mill-introduzzjoni tal-PAK, il-Kummissjoni qed tipproponi li ma żżomm l-ebda fond iddedikat għall-agrikoltura. Approċċ bħal dan jirrappreżenta bidla sinifikanti minħabba l-istruttura ta' governanza u ta' finanzjament li ilha teżisti tal-PAK. Hemm ir-riskju li arranġamenti ta' ppjanar kumplessi, flimkien ma' arkitettura legali aktar kumplikata, joħolqu inċertezza konsiderevoli għall-Istati Membri u għall-benefiċjarji, u b'hekk inaqqsu l-prevedibbiltà u l-istabbiltà li fuqhom jiddependu l-bdiewa u l-komunitajiet rurali. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jdewmu l-għoti f'waqtu ta' għajnuna finanzjarja u jżidu l-piżijiet amministrattivi, li jista' jikkompromettu l-objettiv tas-simplifikazzjoni ddikjarat mill-Kummissjoni u jdgħajjef l-effettività u l-

kredibbiltà tal-implimentazzjoni tal-PAK.

Or. fr

Emenda 154
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-Komunikazzjoni tissottolinja li l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fl-azjendi agrikoli u tul il-katina tal-provvista tal-ikel, u t-trawwim ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ġusti, huma essenzjali għall-futur ta' dan is-settur strateġiku. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li tikkontribwixxi biex is-settur agrikolu jsir aktar attraenti għall-ħaddiema, billi tinkludi miżuri ewlenin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u tissaħħaħ l-immaġni tas-settur, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 155
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Fil-komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2026 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar il-bhejjem", il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza strateġika tal-bhejjem fl-Unjoni, filwaqt li indikat li t-trobbija tal-bhejjem tirrappreżenta

madwar 40 % tal-valur miżjud agrikolu tal-Unjoni u tiġġenera EUR 400 biljun f'fatturat fis-sena. Barra minn hekk, it-trobbija tal-bhejjem għandha impatt soċjali u territorjali qawwi, billi timpjega madwar 7 miljun persuna, b'azjendi agrikoli distribwiti fl-Ewropa kollha, spiss f'żoni bi ftit attivitajiet ekonomiċi alternattivi. Is-settur tat-trobbija tal-bhejjem tal-Unjoni għandu wkoll rwol kruċjali fis-sigurtà tal-ikel u jistabbilixxi standards ewlenin fid-dinja fl-oqsma tal-kwalità, is-sikurezza u s-sostenibbiltà. Fl-2025, l-Unjoni esportat prodotti tal-annimali b'valur ta' EUR 53 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet ammontaw għal EUR 16-il biljun. Il-prodotti tal-ħalib kienu fuq quddiem – b'valur ta' EUR 20,7 biljun b'surplus kummerċjali nett ta' EUR 18-il biljun.

Or. pt

Emenda 156
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Il-pakkett propost mill-Kummissjoni għall-PAK, li jammonta għal madwar EUR 294 biljun fil-livell tal-Unjoni, jirrappreżenta tnaqqis ta' aktar minn 20 % f'termini nominali meta mqabbel mal-perjodu attwali tal-PAK, u tnaqqis sahansitra akbar meta titqies l-inflazzjoni. Barra minn hekk, hemm ir-riskju li t-tnaqqis tal-appoġġ finanzjarju, waqt li jinżammu r-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi, jimponi piż eċċessiv fuq il-bdiewa u jikkomprometti l-objettiv primarju li jiġu żgurati l-produzzjoni tal-ikel u l-vijabbiltà agrikola.

Or. fr

Emenda 157
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Fil-komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2026 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteina tal-UE", il-Kummissjoni enfasizzat il-fatt li d-dipendenza kbira tal-Unjoni fuq il-provvista tal-proteina għall-għalf minn għadd limitat ta' oriġini tagħmel lis-sistema agroalimentari Ewropea aktar vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet tas-suq globali u taffettwa l-kapaċità tal-Unjoni tat-tnaqqis tar-riskji tal-ktajjen tal-provvista. Il-proteini tal-pjanti minn varjetà ta' sorsi li jittieklu u li ma jittiklux jenħtieġ li jkollhom rwol sinifikanti x'jaqdu fil-bijoekonomija ċirkolari, inkluż meta jiġu ttrasformati mill-bhejjem f'għalf u fi skart organiku, li jenħtieġ li jintużaw għall-produzzjoni tal-bijometan u tal-fertilizzanti organiċi.

Or. pt

Emenda 158
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

[SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond***,*** f'konformità mar-regoli li ***jirregolaw dak il-Fond*** stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… ***[SNR]***.

[SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond ***u jenħtieġ li jiġi żborżat*** f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034. Minbarra l-miżuri tal-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jiġu implimentati dispożizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006.***

---

[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar

[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar

ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

Or. pt

Emenda 159
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-	(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-

livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [SNR].	livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [SNR]. ***Sabiex jiġu ppreżervati l-integrità, il-karattru komuni u l-effettività tal-PAK, l-integrazzjoni tal-finanzjament tal-PAK fil-Fond jenħtieġ li ma twassalx għal frammentazzjoni tal-objettivi, l-għodod jew l-implimentazzjoni tal-politika fl-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-interventi speċifiċi għas-settur jibqgħu rregolati minn qafas komuni tal-Unjoni, li jiżgura trattament ugwali tal-operaturi, ċertezza legali, u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.***
[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).	[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).
[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).	[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tillimita r-riskju ta' disparitajiet bejn l-Istati Membri u tevita kundizzjonijiet mhux ugwali ta' kompetizzjoni fis-setturi sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-operaturi u kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

Emenda 160
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [SNR].	(2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokati minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR") u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibbiltà u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [SNR]. ***L-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK skont il-Fond għandha tirrispetta l-prinċipji tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, filwaqt li tiżgura l-involviment effettiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.***
[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta'	[5]Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta'

Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

[6]Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa referenza espliċita tad-dimensjoni reġjonali flimkien mal-Istati Membri fl-artikoli tal-proposta tal-PAK dwar id-definizzjoni tal-miżuri li jippermettu lir-reġjuni jaġixxu bħala awtoritajiet ta' ġestjoni b'responsabbiltà sħiħa kif diġà jiġri f'diversi Stati Membri.

Emenda 161
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Politika Agrikola Komuni jenħtieġ li tippreżerva n-natura komuni tagħha b'baġit tagħha stess stabbli u adattat għall-inflazzjoni biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà tas-suq, l-introjtu tal-bdiewa, il-kompetittività tas-settur agroalimentari u l-vitalità taż-żoni rurali. L-istandards sostantivi applikabbli għall-interventi agrikoli jenħtieġ li jinżammu fil-qafas settorjali tal-PAK, u

jiġu evitati duplikazzjonijiet tal-istandards, pożijiet amministrattivi addizzjonali jew dilwizzjoni tal-objettivi speċifiċi tagħha fi strumenti orizzontali.

Or. es

Emenda 162
Michal Wiezik, Ciaran Mullooly, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Hemm bżonn li jiġi ssalvagwardjat il-qafas tal-PAK mill-perspettiva tat-tkabbir futur tal-Unjoni, b'mod partikolari l-adeżjoni tal-Ukrajna, u li jiġu previsti mekkaniżmi xierqa li kapaċi jassorbu l-impatti possibbli filwaqt li jippreżervaw l-istabbiltà u l-funzjonament xieraq tas-swieq agrikoli tal-UE; jissottolinja li n-nefqa tal-PAK jenħtieġ li tippremja dejjem aktar l-eżiti li jistgħu jitkejlu, issaħħaħ ir-reżiljenza, il-vijabbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-bdiewa, u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 163
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) B'mod partikolari, fil-każ ta' kriżijiet veterinarji kbar, inkluż mard epiżootiku, mard emerġenti, żoonożi jew mard tal-annimali b'effetti transfruntiera, ekonomiċi jew tas-suq serji, jenħtieġ li l-

Istati Membri jkunu jistgħu jimmobilizzaw ix-Xibka ta' Sikurezza tal-Faċilità biex jiffinanzjaw jew jikkofinanzjaw in-nefqa veterinarja meħtieġa, inklużi miżuri dwar it-tilqim, id-dijanjożi, is-sorveljanza, il-bijosigurtà, il-kontroll tal-vetturi, ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, l-iskarnar jew l-eliminazzjoni tal-annimali, it-tneħħija u l-qerda tal-karkassi, it-tindif u d-diżinfezzjoni, il-kumpens lill-bdiewa u lil dawk li jrabbu l-bhejjem li jiġu affettwati u r-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, is-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà tas-suq u l-kontinwità tal-attività agrikola.

Or. es

Emenda 164
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) Id-dispożizzjonijiet agrikoli speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni, mal-finanzjament, mal-governanza, mal-kontroll, mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni tal-interventi tal-PAK jenħtieġ li jibqgħu integrati b'mod ċar f'dan ir-Regolament. L-integrazzjoni tal-appoġġ tal-PAK fil-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali jenħtieġ li ma ddgħajjifx in-natura komuni tal-PAK jew toħloq inċertezza legali għall-bdiewa, għall-benefiċjarji jew għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali. Għalhekk, l-istandards relatati mal-PAK, inklużi d-definizzjonijiet, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, l-interventi għall-iżvilupp rurali, il-governanza tad-data u l-istrumenti għall-kriżijiet, jenħtieġ li jiġu interpretati u applikati f'konformità

mal-objettivi tal-Artikoli 38 u 39 tat-TFUE u n-natura settorjali tal-PAK.

Or. es

Emenda 165
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 2d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2d) Minħabba l-importanza strateġika taż-żoni rurali għas-sigurtà tal-ikel, il-koeżjoni territorjali, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-vitalità ekonomika u soċjali tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jirriżervaw finanzjament identifikabbli b'mod ċar għall-objettiv rurali fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PNR) tagħhom.
	Dan l-objettiv rurali jenħtieġ li jirrappreżenta mill-inqas 10 % tal-allokazzjoni totali ta' kull PNR, jenħtieġ li jiġi ddefinit b'mod ċar u jenħtieġ li jinkludi entrati ta' finanzjament speċifiċi u identifikabbli bin-natura agrikolu li dejjem kellu. Dawn l-entrati jenħtieġ li jiġu allokati bħala prijorità għall-investimenti fl-irrigazzjoni, għall-azzjonijiet LEADER, għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura agrikola u interventi oħra marbuta direttament mal-kompetittività tas-settur li se jattiraw l-intraprenditorija u l-ekonomija lejn iż-żoni rurali.

Or. es

Emenda 166
Céline Imart, Nina Carberry

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom. ***Il-finanzjament tal-PAK irid jibqa' identifikabbli, viżibbli u protett b'mod ċar, u ma jridx jiġi dilwit, iddevjat jew riallokat fi ħdan pakketti ta' nfiq nazzjonali jew reġjonali akbar. Mekkaniżmi stabbli ta' finanzjament u ta' kofinanzjament huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-bdiewa u jiġi evitat li l-fondi maħsuba għall-agrikoltura jiġu dilwiti f'pakketti baġitarji akbar.***

Or. fr

Emenda 167
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE)**.../...** [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament ***għas-sostenn*** tal-kwalità tal-ħajja ***tal-Unjoni*** u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE) **.../...** [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE***, li wieħed minnhom huwa wkoll li tiżdied il-produttività agrikola billi jiġi promoss il-progress tekniku***. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament ***għaż-żamma*** tal-kwalità tal-ħajja ***fl-Unjoni*** u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom. ***PAK***

li tagħti prijorità lill-produttività tal-produzzjoni agrikola tista' ssaħħaħ il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea.

Or. fr

Emenda 168
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom***, filwaqt li jiffokaw l-isforzi fuq il-promozzjoni tas-sigurtà tal-ikel kif ukoll il-kompetittività u l-orjentazzjoni lejn is-suq tan-negozji agrikoli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istrumenti tal-PAK għandhom jiġu allinjati mal-objettivi tal-Viżjoni għall-Agrikoltura billi tingħata prijorità lis-sigurtà tal-ikel filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika u jiġu appoġġati l-azjendi agrikoli u l-bdiewa orjentati lejn is-suq.

Emenda 169
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-

objettiv ġenerali tal-Fond ***imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR]*** ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet ***SNR*** tagħhom.	objettiv ġenerali tal-Fond ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE***, inkluża ż-żieda fil-produttività agrikola***. ***PAK li żżomm u ttejjeb il-produzzjoni agrikola filwaqt li tiżgura l-użu responsabbli tar-riżorsi, tappoġġa l-kompetittività fit-tul tal-agrikoltura Ewropea.*** L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet ***tal-PAK*** tagħhom.

Or. en

Emenda 170
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati ***mill-Istati*** Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati ***mill-ministeri u mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati*** Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom***, filwaqt li jiġi żgurat li jittieħdu deċiżjonijiet minn dawk li għandhom l-għarfien espert u l-kompetenza rilevanti***.

Or. en

Emenda 171
Michal Wiezik

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament ***għas-sostenn tal-kwalità*** tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament ***għal objettivi speċifiċi tal-Artikolu 3, il-punt (a)(x) u l-punt (d), filwaqt li jappoġġaw il-prosperità sostenibbli fost ir-reġjuni kollha u jsostnu l-kwalità*** tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.

Or. en

Emenda 172
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.	3(c) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi ***fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u*** fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK ***imsemmija f'dan ir-Regolament*** jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.

Or. en

Emenda 173

Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz ***tal-Pjanijiet SNR tagħhom***.	(3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-objettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-objettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz ***tar-Regolament dwar il-PAK***.

Or. pt

Emenda 174
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fil-kuntest tal-isfidi ġeopolitiċi u tas-sigurtà l-ġodda, kif ukoll taż-żieda sinifikanti fil-kostijiet tal-inputs agrikoli, b'mod partikolari l-enerġija u l-fertilizzanti, is-sigurtà tal-ikel trid titqiegħed fil-qalba tal-PAK; dan jenħtieġ li jsaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, ambjentali u soċjali tas-settur agrikolu, jappoġġa lill-bdiewa fid-dawl tal-pressjonijiet ekonomiċi u jiżgura li tinżamm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni permezz ta' ħamrija produttiva u b'saħħitha, ilma ta' kwalità għolja li jintuża b'mod effiċjenti u prattiki riġenerattivi, filwaqt li jiggarantixxi wkoll l-aċċess għaċ-ċittadini għal ikel sikur, suffiċjenti u affordabbli.

Or. en

Emenda 175
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fil-kuntest tal-isfidi ġeopolitiċi u ta' sigurtà l-ġodda, kif ukoll taż-żieda sinifikanti fil-kostijiet tal-inputs agrikoli, b'mod partikolari l-enerġija u l-fertilizzanti, il-PAK trid tqiegħed is-sigurtà tal-ikel fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea; dan jenħtieġ li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur agrikolu, jappoġġa lill-bdiewa fid-dawl tal-pressjonijiet ekonomiċi u jiżgura li tinżamm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni permezz ta' ħamrija produttiva, ilma ta' kwalità għolja li jintuża b'mod effiċjenti u prattiki riġenerattivi, filwaqt li jiggarantixxi wkoll l-aċċess għaċ-ċittadini għal ikel sikur, suffiċjenti u affordabbli.

Or. ro

Emenda 176
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-PAK tikkostitwixxi waħda mill-politiki komuni fundamentali tal-Unjoni skont l-Artikolu 38 tat-TFUE. Filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu biżżejjed flessibbiltà biex jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet territorjali, jenħtieġ li tali flessibbiltà ma ddgħajjifx in-natura komuni tal-PAK permezz tal-

frammentazzjoni jew tar-rinazzjonalizzazzjoni tal-prijoritajiet ta' finanzjament, tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jew tal-mekkaniżmi ta' appoġġ. L-objettivi komuni, ir-regoli komuni, il-prinċipji komuni ta' finanzjament u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni jibqgħu indispensabbli biex jiġu żgurati s-sovranità tal-ikel, il-koeżjoni territorjali u t-trattament ugwali tal-bdiewa.

Or. en

Emenda 177
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-appoġġ finanzjarju tal-PAK huwa kkomplementat mill-prinċipju tar-reċiproċità fit-tranżazzjonijiet kummerċjali. Il-prodotti agrikoli importati fis-suq tal-Unjoni jridu jissodisfaw standards ekwivalenti f'termini ta' sikurezza fl-ikel, protezzjoni ambjentali, benessri tal-annimali u kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk applikati għall-produtturi tal-Unjoni Ewropea.

Or. el

Emenda 178
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li

timplimenta mekkaniżmu ta' verifika rurali fl-UE kollha fl-oqsma kollha ta' politika u tinkludi l-komunità tal-Patt Rurali, kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni, fl-attivitajiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-PAK inkluż l-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 179
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Jenħtieġ li tingħata prijorità s-sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u tal-ħaddiema agrikoli, minħabba r-rata għolja ta' suwiċidji f'dan is-settur; dan huwa fenomenu allarmanti kkawżat, fost l-oħrajn, minn livelli għoljin ta' stress, inċertezza, piżijiet amministrattivi oneruż, kif ukoll vulnerabbiltà, iżolament soċjali, dejn u tbatija ekonomika li jiffaċċjaw il-bdiewa inklużi proċeduri ta' spezzjoni tal-azjendi agrikoli stressanti li jagħmlu pressjoni addizzjonali fuq il-bdiewa fil-ġestjoni tal-azjendi tagħhom; il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġija komprensiva dwar is-saħħa mentali għall-bdiewa u jiżguraw li jiġu inklużi miżuri ta' appoġġ xierqa fil-PAK li jmiss; inklużi approċċi mfassla apposta, adatti għaċ-ċirkostanzi lokali, bl-użu ta' diversi tipi ta' servizzi ta' appoġġ, inklużi networks eżistenti ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli u gruppi oħra ta' appoġġ għall-komunità rurali; kif ukoll miżuri li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li kollha se jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa u l-ħaddiema

tal-UE;

Or. en

Emenda 180
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-mudell agrikolu tal-Unjoni huwa kkaratterizzat minn diversità strutturali u ġeografika konsiderevoli. Għalhekk, jenħtieġ li l-PAK tirrikonoxxi r-restrizzjoni u l-kontributi speċifiċi ta' azjendi agrikoli żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju, żoni muntanjużi, gżejjer, sistemi ta' produzzjoni Mediterranji u żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali, li l-vijabbiltà ekonomika tagħhom ma tistax tiġi vvalutata biss abbażi tal-kompetittività internazzjonali.

Or. en

Emenda 181
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-PAK tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea billi tiżgura produzzjoni suffiċjenti, sikura u sostenibbli tal-ikel fl-Unjoni.

Or. el

Emenda 182
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija ***strateġika u mhux vinkolanti*** tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***,*** ***jiżguraw il-komunalità tal-politika u jipprevjenu d-distorsjonijiet tas-suq***. ***Ir-rappreżentanti li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-PSNR għandhom jirriflettu, b'mod partikolari, is-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kapitolu jew tal-kapitoli taħt riežami.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-Kummissjoni jridu jibqgħu mhux vinkolanti, u joffru lill-Istati Membri gwida strateġika wiesgħa dwar objettivi ġenerali bħas-sovranità tal-ikel, l-introjti ġusti, u l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-iżvilupp tal-agrikoltura u taż-żoni rurali, aktar milli rekwiżiti preskrittivi għall-Pjanijiet Nazzjonali. It-trattament tagħhom bħala obbligatorji jimmina l-flessibbiltà proprja li l-proposti tal-Kummissjoni huma mfassla biex jippreżervaw, u għalhekk ir-Regolament għandu jiddefinixxi b'mod espliċitu l-karattru mhux vinkolanti tagħhom.

Emenda 183
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, ***reżiljenti*** u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, ***li jibqa' validu fil-futur*** u sostenibbli***, li jiffunzjona fil-limiti planetarji,*** f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, ***u jżommu quddiem għajnejhom l-objettivi tal-UE dwar is-saħħa pubblika u l-klima, u l-ħtieġa urġenti li jittejjeb il-benessri tal-annimali, jiġu ppreżervati l-ħamrija b'saħħitha, l-ilma u l-arja nodfa, u tiġi protetta u rrestawrata l-bijodiversità tal-Ewropa***.

Or. en

Emenda 184
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni

tindirizza b’mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta’ tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f’konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta’ tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet ***SNR*** tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

tindirizza b’mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta’ tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel ***kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE*** għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f’konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta’ tmexxija ***mhux vinkolanti*** tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet ***Nazzjonali u Reġjonali tal-PAK (“Pjanijiet NRPAK”)***tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jissalvagwardjaw il-komunalità tal-politika u jipprevjenu d-distorsjonijiet tas-suq***.

Or. en

Emenda 185
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b’mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta’ tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f’konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b’mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta’ tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel ***u r-riżultati tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE*** għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f’konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet

livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, u biex jiżguraw li l-Pjanijiet SNR ma jimminawx il-Politika Agrikola Komuni***.
	Or. de

Emenda 186
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ***ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali*** tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu ***livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu***, inklużi t-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, il-ġestjoni tal-pesti u tal-mard, id-degradazzjoni tal-art, l-aċċess għas-suq u l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet u n-nuqqas ta' ħaddiema***, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ***l-objettiv ġenerali u l-objettivi speċifiċi*** tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu ***qafas ta' politika komuni*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.
	Or. en

Emenda 187
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom**.**	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***;*** ***sabiex ikun hemm politika agrikola verament komuni, jenħtieġ li jiġi żgurat l-istess livell ta' sussidji.***

Or. ro

Emenda 188
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni

għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali ***mhux vinkolanti*** tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***,*** ***jissalvagwardjaw il-komunalità tal-politika u kundizzjonijiet ekwi***.

Or. en

Emenda 189
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***tmexxija tal-politika*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***gwida strateġika mhux vinkolanti*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jiżguraw il-komunalità tal-politika u jipprevjenu d-***

distorsjonijiet tas-suq.

Or. en

Emenda 190
Wouter Beke, Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***tmexxija tal-politika*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***gwida strateġika mhux vinkolanti*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jiżguraw il-komunalità tal-politika u jipprevjenu d-distorsjonijiet tas-suq***.

Or. en

Emenda 191
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel ***u r-rakkomandazzjonijiet mid-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE*** għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.
	Or. en

Emenda 192
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt

li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jiżguraw il-komunalità tal-politika u jipprevjenu d-distorsjonijiet tas-suq***.

Or. en

Emenda 193
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom**.**	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jiżguraw li l-politika tkun komuni u jipprevjenu d-distorsjoni tas-suq.***

Or. ro

Emenda 194
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***tmexxija tal-politika*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li ***jiġu definiti wara l-approvazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li*** jipprovdu livell suffiċjenti ta' ***gwida strateġika mhux vinkolanti*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu żviluppati biss wara li r-Regolament ikun ġie adottat formalment, peress li n-negozjati leġiżlattivi li jkunu għaddejjin xorta jistgħu jwasslu għal bidliet sinifikanti fid-dispożizzjonijiet tiegħu. Id-definizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet qabel ma jiġi ffinalizzat il-qafas legali tirriskja li toħloq inkonsistenzi u teħtieġ ir-reviżjoni sussegwenti tagħhom. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jibqgħu strettament mhux vinkolanti, filwaqt li jippreżervaw il-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u proporzjonata tagħhom mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati.

Emenda 195
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni

tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK***, li jenħtieġ li jkunu ta' natura fakultattiva,*** jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***, jiżguraw li l-PAK tibqa' politika komuni u jipprevjenu d-distorsjoni tas-suq***.

Or. pt

Emenda 196
Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu ***livell*** suffiċjenti ***ta' tmexxija tal-politika*** fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu ***gwida strateġika mhux vinkolanti u*** suffiċjenti fil-livell tal-Unjoni biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom ***tal-PAK*** fir-

li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Or. fr

Emenda 197
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali ***u reġjonali*** tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura konsistenza mal-approċċ imsaħħaħ ta' governanza f'diversi livelli u sħubija propost skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR). Fl-Istati Membri fejn ir-reġjuni għandhom kompetenzi agrikoli, ir-rakkomandazzjonijiet reġjonali jikkomplementaw il-gwida nazzjonali u jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aktar effettiva tal-PAK, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet territorjali u r-responsabbiltajiet istituzzjonali.

Emenda 198

Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu ***kompetittiv,*** reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.	(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Or. fr

Emenda 199
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-PAK trid tibqa' politika Ewropea li għandha l-għan li tiżgura s-sigurtà tal-ikel, filwaqt li l-introjti tal-bdiewa jinżammu stabbli u tinżamm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni; mudell ibbażat fuq pjan nazzjonali uniku, bħall-PSNR, jista' jwassal għal trasferiment tal-kontroll fuq l-allokazzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri, dgħufija tal-komunalità tal-PAK u politiki oħra tal-Unjoni, inkuża l-

Politika ta' Koeżjoni u frammentazzjoni tas-suq intern u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Or. ro

Emenda 200
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-Istati Membri jqisu l-indikaturi demografiċi ta' kull reġjun u jagħtu prijorità lir-reġjuni li qed jesperjenzaw tnaqqis kontinwu fil-popolazzjoni, popolazzjoni rurali li qed tixjieħ jew abbandun tal-attività agrikola.

Or. el

Emenda 201
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji tal-ugwaljanza meta jiddeterminaw min se jkunu l-benefiċjarji tal-interventi previsti f'dan ir-***

Regolament.

Or. es

Emenda 202
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil ***dawk*** li l-aktar jeħtiġuh.	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil ***bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar*** li l-aktar jeħtiġuh, ***u tiżgura qafas li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi, tal-bijodiversità u ambjentali u li għandu l-għan li jikseb standards ogħla tal-benessri tal-annimali***.

Or. en

Emenda 203
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li

tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	tappoġġa lil dawk li l-aktar***, u tiżgura l-involviment trasparenti u sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati, b'attenzjoni partikolari għall-parteċipazzjoni inklużiva u l-bilanċ bejn il-ġeneri***.

Or. en

Emenda 204
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh ***u lil dawk li volontarjament jagħtu valur miżjud li jista' jitkejjel lis-soċjetà permezz tas-servizzi pubbliċi***.

Or. de

Emenda 205
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet

lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	lokali ***u reġjonali*** u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh ***u tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Ewropa fir-rigward tal-klima, tal-bijodiversità u tar-restawr tan-natura***.

Or. en

Emenda 206
Michal Wiezik, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK ***u l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi***, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.

Or. en

Emenda 207
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***u l-awtoritajiet reġjonali*** jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u

PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Pjanijiet SNR iridu jiġu implimentati mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati kollha li jieħdu sehem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet SNR. Dan jinkludi l-awtoritajiet kollha tal-Pjanijiet imsemmija u definiti fl-Artikolu 49 u fis-segwitu tar-Regolament (UE) .../... [SNR]. Formulazzjoni ġdida hija aktar inklużiva għall-awtoritajiet tal-Pjanijiet.

Emenda 208
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni ***jenħtieġ li*** tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.	(5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħhom l-objettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni ***jeħtiġilha*** tipprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.

Or. fr

Emenda 209
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) (5a) L-appoġġ taħt il-PAK għandu

jitfassal b'tali mod li jiżgura introjtu ġust għall-bdiewa fl-Unjoni u li jiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni. Investigazzjonijiet reċenti wrew li ammonti sinifikanti ta' fondi tal-PAK għaddew minn strutturi korporattivi kumplessi għand riċevituri li s-sidien benefiċjarji tagħhom huma persuni fiżiċi minn pajjiżi terzi, inklużi membri ta' familji rjali barranin u fondi ta' investimenti sovrani. Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiġi żgurat li ammonti kbar ta' appoġġ tassew jibbenefikaw lill-popolazzjoni agrikola tal-Unjoni, ir-riċevituri li l-appoġġ annwali tagħhom jaqbeż il-EUR 500 000 jenħtieġ li jagħtu prova li s-sidien benefiċjarji tagħhom huma ċittadini tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(28) tar-Regolament (UE) 2024/1624. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat, dan l-oneru tal-provi jenħtieġ li japplika biss 'il fuq minn dan il-limitu u jenħtieġ li jitqies issodisfat għall-persuni fiżiċi li diġà ġew identifikati fis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u monitoraġġ. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni permezz tal-qsim artifiċjali tal-azjendi, l-ammonti ta' appoġġ tal-kumpaniji affiljati kollha u tal-kumpaniji kollha bl-istess sidien benefiċjarji jenħtieġ li jiġu aggregati.

Or. de

Emenda 210
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa jenħtieġ li jkompli jkun strument ta' politika essenzjali biex jiġi ggarantit introjtu ġust għall-bdiewa. Dan

jikkontribwixxi għat-trawwim ta' settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli li jsegwi l-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, li jiżgura t-tiġdid ġenerazzjonali u b'hekk is-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-appoġġ tal-PAK jenħtieġ li jkun iffukat fuq il-bdiewa attivi definiti f'konformità mar-regoli tad-WTO. Bil-għan li tkompli tittejjeb il-prestazzjoni tal-PAK, l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq l-erja jenħtieġ li jkun immirat lejn il-bdiewa li jeżerċitaw l-agrikoltura bħala attività ewlenija. L-appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jkun immirat lejn il-bdiewa li jeħtiġuh l-aktar, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, in-nisa, il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda. Fl-istess ħin, l-iżvilupp ekonomiku rurali, li jiżgura t-titjib fl-infrastruttura u t-trasformazzjoni diġitali li jeliminaw id-disparitajiet reġjonali, ikun ta' benefiċċju għall-attraenza taż-żoni rurali, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet imtejba ta' impjieg fiż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 211
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri konkreti biex jiggarantixxu li l-istess standards tas-sikurezza tal-ikel, ambjentali, soċjali u tal-benessri tal-annimali jiġu applikati għall-importazzjonijiet ta' prodotti agroalimentari minn pajjiżi terzi bħal dawk mistennija mill-produtturi tal-UE,

sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u livell għoli ta' sikurezza tal-ikel, traċċabbiltà u produzzjoni sostenibbli fl-UE; dan huwa essenzjali biex jiġi evitat li tiġi kompromessa r-reżiljenza ekonomika tal-produzzjoni agroalimentari tal-UE fir-rigward tal-prodotti importati; il-Kummissjoni jeħtiġilha tkun lesta li tattiva klawżoli ta' salvagwardja fi ftehimiet ta' pajjiżi terzi meta dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-suq intern;

Or. en

Emenda 212
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex jiġu ppreżervati l-integrità, in-natura komuni u l-effettività tal-Politika Agrikola Komuni, l-integrazzjoni tal-finanzjament tal-PAK fil-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali jenħtieġ li ma twassalx għal frammentazzjoni tal-objettivi, tal-għodod jew tal-implimentazzjoni tal-politika madwar l-Istati Membri. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-interventi speċifiċi, bħal dawk għas-settur tal-inbid, jibqgħu rregolati minn qafas komuni tal-Unjoni, li jiżgura trattament ugwali tal-operaturi, ċertezza legali, u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 213
Eric Sargiacomo, Claire Fita, Chloé Ridel

Proposta għal regolament

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Billi t-territorji Mediterranji tal-Unjoni Ewropea jinsabu fuq quddiem nett tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u huma soġġetti għal kundizzjonijiet pedoklimatiċi eċċezzjonali, ikkaratterizzati minn temperaturi li qed jogħlew, nixfiet rikorrenti u stress strutturali fuq l-ilma; billi huwa essenzjali li dawn l-ispeċifiċitajiet territorjali jiġu rikonoxxuti fl-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni u li jiġu mobilizzati riżorsi msaħħa favur l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u r-reżiljenza tas-sistemi ta' produzzjoni;

Or. en

Emenda 214
André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-Fond SNR jenħtieġ li ma jirriżultax fir-rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK u lanqas ma jimmina l-prevedibbiltà, l-istabbiltà u t-trattament ugwali għall-bdiewa fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-PAK tkompli tkun ibbażata fuq qafas komuni tal-Unjoni, regoli komuni, objettivi komuni u kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li tkun flessibbli biżżejjed biex tqis iċ-ċirkostanzi agrikoli, territorjali u strutturali partikolari tal-Istati Membri u tar-reġjuni.

Or. pt

Emenda 215

Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Id-differenzi fil-livell ta' appoġġ għal kull ettaru eliġibbli madwar l-Istati Membri jimminaw il-kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni u l-objettivi ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni. Għalhekk, abbażi tal-metodoloġija biex jiġu indirizzati l-lakuni fl-iżvilupp stabbilita skont ir-Regolament (UE) .../... [COM(2025)565], dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura t-tlestija tal-konverġenza esterna sabiex l-Istati Membri kollha jilħqu l-livell medju tal-Unjoni ta' appoġġ dirett għal kull ettaru eliġibbli sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.

Or. en

Emenda 216
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Id-dritt għal ikel sikur, ta' kwalità għolja u affordabbli jenħtieġ li jiġi rikonoxxut bħala prijorità tal-Unjoni. Is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel Ewropej jiddependu fuq il-garanzija ta' aċċess universali għal oġġetti tal-ikel ta' kwalità bi prezzijiet affordabbli, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata remunerazzjoni ġusta u deċenti għall-bdiewa. Għal dan il-għan, il-PAK jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-insigurtà tal-ikel, għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, u

għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u territorjali fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 217
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-konċessjoni kumpensatorja għall-iżvantaġġi naturali (ICHN) hija importanti għaż-żamma tal-produzzjoni agrikola f'żoni bi żvantaġġi naturali permanenti. Il-bdiewa kkonċernati għandhom jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tal-ekosistemi naturali u tal-bijodiversità, kif ukoll għaż-żamma u għas-sigurtà tagħhom, b'mod partikolari fiż-żoni muntanjużi. Dawn iż-żoni għandhom rwol fis-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni Ewropea u fid-diversità tal-agrikoltura tagħha.

Or. fr

Emenda 218
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Ir-reġjuni ultraperiferiċi (RUP) tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion, Mayotte, Saint Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, jospitaw madwar 4,8 miljun ċittadin Ewropew u jiffaċċjaw sfidi uniċi minħabba d-distanza, l-insularità, id-daqs

żgħir, it-terren imħatteb u l-kundizzjonijiet lokali speċifiċi tagħhom.

Or. fr

Emenda 219
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma twassal għall-ebda diskriminazzjoni kontra kwalunkwe produzzjoni agrikola jew tal-bhejjem ibbażata fuq in-natura tagħha, ir-razza jew id-destinazzjoni leġittima tal-produzzjoni jew tal-annimali, dment li jkun hemm konformità mal-istandards applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istandards dwar l-ambjent, is-sigurtà tal-ikel u s-saħħa u l-benessri tal-annimali.

Or. es

Emenda 220
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-Kummissjoni tal-UE għandha tfassal pjan direzzjonali Ewropew għall-benessri tal-annimali, li se joħloq qafas għall-Unjoni kollha għall-iżvilupp gradwali tal-istandards għall-benessri tal-annimali fit-trobbija tal-bhejjem. L-għan huwa li l-annimali kollha tar-razzett miżmuma fl-Unjoni jkunu soġġetti għal standards ta' trobbija li jikkorrispondu għall-istat attwali tal-għarfien xjentifiku u

jiggarantixxu livell għoli ta' benessri tal-annimali.

Or. de

Emenda 221
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-produzzjoni agrikola fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Unjoni Ewropea hija rikonoxxuta bħala element ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel, il-koeżjoni territorjali u r-reżiljenza tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri speċifiċi ta' appoġġ għal dawn iż-żoni.

Or. el

Emenda 222
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Sabiex tiġi ppreżervata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern u tiġi żgurata l-effettività tal-Politika Agrikola Komuni, jenħtieġ li l-bdiewa tal-Unjoni ma jitqegħdux fi żvantaġġ kompetittiv mill-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi prodotti skont standards li mhumiex ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-produtturi tal-Unjoni. Sabiex jiġu antiċipati u indirizzati l-effetti kumulattivi tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali li fihom konċessjonijiet agrikoli, huwa xieraq li tiġi stabbilita

Riżerva tal-Unjoni ddedikata għall-Aġġustament tal-Kummerċ Agrikolu. Jenħtieġ li r-Riżerva tipprovdi kumpens finanzjarju lill-bdiewa affettwati b'mod negattiv mill-impatti kkombinati fuq is-suq ta' tali ftehimiet u jenħtieġ li tikkomplementa l-istrumenti eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet skont il-Politika Agrikola Komuni.

Or. en

Emenda 223
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Billi t-tranżizzjoni lejn mudelli agrikoli aktar sostenibbli tikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali għas-sovranità tal-ikel Ewropea; billi l-Politika Agrikola Komuni trid tagħti appoġġ prijoritarju lill-iżvilupp tal-biedja organika, tal-agroekoloġija u tad-diversifikazzjoni tal-produzzjoni, sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq inputs esterni, jiġu ppreżervati r-riżorsi naturali, tissaħħaħ ir-reżiljenza u jiġu ggarantiti introjti ġusti u stabbli għall-bdiewa, f'konformità mal-prinċipju ta' "fondi pubbliċi għall-ġid pubbliku";

Or. en

Emenda 224
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5b) Għad-distinzjoni bejn il-benefiċjarji fil-kuntest tal-PAK, il-kriterji li jiddefinixxu l-kunċett ta' attività prinċipali jenħtieġ li jinkludu s-sehem tal-introjtu agrikolu fl-introjtu totali, l-input ta' ħaddiema fl-azjenda agrikola, l-għan tal-kumpanija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw ukoll listi negattivi biex jidentifikaw dawk l-applikanti li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' "bidwi".

Or. en

Emenda 225
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) L-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi spiss tiffoka fuq għelejjel permanenti bħall-kannamiela u l-frott u l-ħxejjex tropikali, u dawn ir-reġjuni għandhom aċċess għall-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) imfassal biex jappoġġa s-settur agrikolu tagħhom.

Or. fr

Emenda 226
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) Billi l-volatilità tas-swieq agrikoli, l-iżbilanċi persistenti fid-distribuzzjoni tal-

valur u l-kompetizzjoni mill-importazzjonijiet li ma jikkonformawx mal-istandards ekwivalenti jimminaw il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli Ewropej; billi huwa meħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' regolamentazzjoni tas-suq pubbliku, jiġu kkonsolidati l-istrumenti ta' appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa u tiġi riveduta l-politika kummerċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, sabiex tiġi ggarantita r-reċiproċità tal-istandards soċjali, ambjentali u tas-saħħa, tiġi promossa l-preferenza Ewropea u tiġi ppreżervata s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 227
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. ***L-istrateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali għandha tinkludi wkoll strumenti li jiffaċilitaw is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli, inklużi skemi tal-pensjonijiet strutturali għall-bdiewa li jtemmu attivitajiet agrikoli attivi. Dawn l-istrumenti għandhom irawmu t-trasferiment effiċjenti tal-azjendi, it-titjib fl-istruttura agrarja, il-kontinwità tal-attività tal-biedja u aċċess aktar faċli għall-art għall-bdiewa żgħażagħ.*** Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ

d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f’konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. pl

Emenda 228
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b’mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali ***għaż-żgħażagħ*** kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f’konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli ***strutturali***, b’mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali ***għal ħaddiema żgħażagħ u fl-azjendi agrikoli*** kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f’konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u

“pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu wkoll fil-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità, b’enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta’ perkorsi attraenti tal-karriera u l-iżgurar ta’ remunerazzjoni ġusta, filwaqt li jindirizzaw b’mod attiv il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-persistenza ta’ pagi taħt il-livell limitu tal-faqar.***

Or. en

Emenda 229
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b’mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f’konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b’mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw***. It-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jinkiseb b’mod iżolat u jirrikjedi appoġġ għad-dħul fis-settur ta’ bdiewa żgħażagħ u ġodda kkomplementat b’mekkaniżmi li jiffaċilitaw it-trasferiment ordnat ta’ art, ta’ azjendi u ta’ attività agrikola mill-bdiewa tal-età tal-irtirar jew li jilħqu l-età tal-irtirar.*** Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-

bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tiġdid ġenerazzjonali huwa proċess li jirrikjedi approċċ olistiku. L-appoġġ għad-dħul fis-settur għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda se jibqa' limitat fl-impatt sakemm ma jkunx akkumpanjat minn mekkaniżmi li jippermettu t-trasferiment ordnat tal-art, tal-azjendi u tal-attività tal-biedja mill-bdiewa li jirtiraw. L-indirizzar tad-dħul fis-settur mingħajr ma tiġi indirizzata s-suċċessjoni jħalli wieħed mill-ostakli ewlenin tal-aċċess għall-art mhux solvut.

Emenda 230
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK ***uriet*** impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza ***s-***	(6) Il-PAK ***jenħtieġ li jkollha*** impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-

sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***fis-settur***, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Kummissjoni, li tipprijoritizza ***l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel minn bdiewa lokali żgħażagħ b'azjendi agrikoli żgħar u organiċi, bħala parti minn viżjoni fit-tul għas-settur*** tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***fi prattiki tal-biedja sostenibbli***, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ***, li jinkludi appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini u għal attivitajiet relatati, bħall-kapaċitajiet tal-ipproċessar fl-azjendi agrikoli għall-valorizzazzjoni ulterjuri tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti sekondarji.***

Or. en

Emenda 231
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ ***jistabbilixxi strateġija*** għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura***, b'mod partikolari billi ddedikat baġit minimu għall-bdiewa żgħażagħ***, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ ***jiżviluppa kif parzjalment stabbilit fl-istrateġija*** għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li

Membri jenħtieġ li ***jiżviluppaw ukoll*** “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, ***imfassal*** biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li ***jistabbilixxu wkoll*** “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, ***li jinkludi l-implimentazzjoni ta’ interventi obbligatorji u volontarji marbuta mal-baġit minimu ta’ 10 % tal-PAK għall-bdiewa żgħażagħ u mfassal*** biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta’ interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiċċara li l-“Pakkett tal-bidu” għall-Bdiewa Żgħażagħ jitwettaq skont is-sistema proposta ta’ “żewġ livelli”, li tinvolvi sett ta’ miżuri obbligatorji u volontarji, li jirriflettu l-ħtiġijiet speċifiċi għall-kuntest ta’ kull Stat Membru. Barra minn hekk, ġie ċċarat li l-miżuri inklużi fil-“Pakkett tal-bidu” għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit minimu għall-bdiewa żgħażagħ.

Emenda 232
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK ***uriet*** impatt ***pożittiv*** fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, ***iżda*** għad hemm ostakli, b’mod partikolari ***fir-rigward tal-provvista*** ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f’konformità mal-	(6) Il-PAK ***għad ma kellhiex*** impatt ***sodisfaċenti*** fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, għad hemm ostakli, b’mod partikolari ***n-nuqqas ta’ profittabbiltà fis-settur, l-immaġni negattiva tal-biedja, il-lingwaġġ peġġorattiv użat fir-rigward ta’ xi setturi; dawn il-fatturi flimkien mannuqqas*** ta’ infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta’ sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw ***kollha jaġixxu bħala diżinċentiv għal xi parteċipanti ġodda***. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-

Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Emenda 233
Wouter Beke, Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura***, b'mod partikolari billi jiġi ddedikat baġit minimu għall-bdiewa żgħażagħ***, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati

bdiewa żgħażagħ, ***imfassal*** biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, ***li jinkludi l-implimentazzjoni ta' interventi obbligatorji u volontarji marbuta mal-baġit minimu għall-bdiewa żgħażagħ u mfassal*** biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.
	Or. en

Emenda 234
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u ***xibka*** ta' sikurezza soċjali ***għaż-żgħażagħ kif ukoll*** għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u ***tal-parteċipanti*** ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art***, in-nuqqas ta' garanziji biex wieħed jaqla' għajxien deċenti mix-xogħol tiegħu,*** u ***x-xibka*** ta' sikurezza soċjali għall-bdiewa ***żgħażagħ, ġodda u*** li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ ***u ġodda***, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-

bdiewa żgħażagħ ***u ġodda***.

Or. fr

Emenda 235
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn ***il-bdiewa*** żgħażagħ.	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli ***strutturali***, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni ***interni u*** rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali ***għan-nisa u*** għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ***tan-nisa,*** tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv ***għan-nisa u*** għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn ***in-nisa u l-bdiewa*** żgħażagħ.

Or. it

Emenda 236
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, ***iżda*** għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, ***filwaqt li l-iżgħar bdiewa għadhom jirċievu l-inqas introjtu u*** għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Emenda 237
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda

għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali ***u r-reġjuni ultraperiferiċi (RUP)***, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. fr

Emenda 238
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li

tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita ***d-dħul*** u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***fis-settur***, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita ***l-aċċess għas-settur agrikolu u għall-art agrikola,*** u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. de

Emenda 239
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali ***fil-Pjan SNR*** li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa	(6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art***, l-aċċess għall-finanzjament*** u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali ***fil-PAK*** li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibbiltà u l-attraenza fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll "pakkett tal-bidu" komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita

żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.	d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.

Or. pt

Emenda 240
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) It-tisħiħ tal-awtonomija strateġika, tas-sigurtà tal-ikel u tal-kompetittività fit-tul tal-Unjoni jirrikjedi żieda fil-produzzjoni sostenibbli tal-għelejjel li fihom il-proteini fl-Unjoni. Sabiex tinkiseb din it-trasformazzjoni hemm bżonn ta' appoġġ koerenti u kkoordinat tul il-katina tal-valur kollha, mir-riċerka u mill-innovazzjoni fit-tnissil u fis-sistemi taż-żieragħ għall-investimenti fil-ħżin, fil-kapaċità tal-ipproċessar u fl-iżvilupp ta' swieq disponibbli stabbli u d-domanda tal-konsumaturi. Il-PAK għandha rwol ċentrali fl-iffaċilitar ta' din it-tranżizzjoni billi tnaqqas ir-riskji għad-diversifikazzjoni tal-azjendi agrikoli permezz ta' appoġġ immirat għall-introjtu u għall-investiment, servizzi ta' konsulenza, għodod ta' innovazzjoni u ġestjoni tar-riskju, filwaqt li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur u l-kapaċità tagħhom li jakkwistaw il-valur miżjud, fosthom permezz tal-ipproċessar fl-azjendi agrikoli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jfasslu interventi tal-PAK b'mod strateġiku u kkoordinat, permezz ta' "pakkett tal-bidu għall-għelejjel li fihom il-proteini". L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw komplementarjetà b'saħħitha ma' politiki u strumenti oħra tal-Unjoni, inklużi

programmi ta' riċerka u innovazzjoni, u strumenti ta' appoġġ għall-investiment biex jitrawwem ambjent tal-ikel favorevoli għall-għelejjel li fihom il-proteini maħsuba għall-konsum mill-bniedem kif ukoll għall-produzzjoni tal-bhejjem abbażi ta' għalf sostenibbli u miksub lokalment. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-għelejjel li fihom il-proteini għandhom jinftiehmu bħala l-għelejjel elenkati fl-Anness I, il-Parti IV, tar-[Regolament (UE) …/… dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli].

Or. en

Emenda 241
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, tiġi pprovduta ċertezza legali għaż-żgħażagħ li jidħlu fl-agrikoltura u tiġi massimizzata l-effettività tal-interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ, b'mod partikolari l-pakkett tal-bidu, il-kunċett ta' bidwi żagħżugħ jenħtieġ li jiġi definit b'mod uniformi u purament skont l-età fil-livell tal-Unjoni. Bidwi żagħżugħ jenħtieġ li jiġi definit bħala kwalunkwe bidwi li jkollu 40 sena jew anqas fi żmien l-applikazzjoni għall-appoġġ rilevanti u li jeżerċita kontroll reali u fit-tul fuq l-azjenda, waħdu jew flimkien ma' bdiewa oħra. L-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ jenħtieġ li jkun disponibbli tul il-perjodu kollu sakemm jilħqu l-limitu tal-età u jenħtieġ li ma jitnaqqasx b'limiti nazzjonali ta' żmien mill-mument tal-istabbiliment, inkella l-akkwiżizzjonijiet bikrija tal-azjendi agrikoli b'mod partikolari jkunu żvantaġġati, minkejja li huma l-aktar

siewja għat-tiġdid ġenerazzjonali. Limitu massimu uniformi tal-età, li minnu l-Istati Membri ma jistgħux jiddevjaw 'l isfel, jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern fil-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali u jiżgura li l-bdiewa żgħażagħ fl-Istati Membri kollha jkollhom aċċess ugwali għall-appoġġ għall-istabbiliment, l-appoġġ supplimentari għall-introjtu u l-appoġġ għall-investiment.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Is-sitwazzjoni legali attwali (l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115) tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu liberament il-limitu massimu tal-età bejn il-35 u l-40 sena. Dan iwassal għal trattament mhux ugwali tal-bdiewa żgħażagħ skont l-Istat Membru. Minħabba li madwar 12 % biss tal-kapijiet tal-azjendi fl-UE għandhom anqas minn 40 sena, it-tiġdid ġenerazzjonali jeħtieġ definizzjoni ċara, ambizzjuża u uniformi fl-UE kollha.

Emenda 242
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Billi l-Ewropa hija l-kontinent li qed jisħon l-aktar malajr, l-eventi ta' temp estrem, minn mewġ ta' sħana u nixfiet għal għargħar u maltempati bis-silġ, qed isiru dejjem aktar frekwenti. F'xi partijiet tal-Ewropa, id-disponibbiltà tal-ilma diġà hija problema severa. Barra minn hekk, l-għelejjel qed isiru dejjem aktar vulnerabbli għall-pesti u għall-mard u t-tnaqqis fil-bijodiversità qed idgħajjef il-mezzi tan-natura stess għad-dakkir u għall-kontroll tal-pesti. Il-ħamrija eżawrita u mniġġsa hija inqas fertili u reżistenti għall-għargħar, u għandha inqas kapaċità li taħżen kemm il-karbonju kif ukoll l-ilma. Dawn l-iżviluppi huma ta' theddida serja għas-saħħa u l-benessri

tan-nies, għas-sigurtà tal-ikel u għas-soċjetà u l-ekonomija b'mod ġenerali, speċjalment għall-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel. Xi prattiki fl-agrikoltura u fis-sistemi tal-ikel qed jikkontribwixxu għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll għat-telfien tal-bijodiversità, għad-degradazzjoni tal-ħamrija, għat-tniġġis ambjentali, jew għall-użu eċċessiv ta' riżorsi tal-ilma. Fl-istess waqt, il-komunità tal-biedja hija fost l-ewwel vittmi ta' dawn il-kriżijiet multipli[1a].

[1a] Mir-rapport finali tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE. Rapport disponibbli fuq: https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/171329ff-0f50-4fa5-946f-aea11032172e_en?filename=strategic-dialogue-report-2024_en.pdf

Or. en

Emenda 243
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Fl-implimentazzjoni tal-iterazzjoni l-ġdida tal-PAK, l-Istati Membri jridu jindirizzaw aħjar fl-istrateġiji ta' tiġdid ġenerazzjonali tagħhom l-ostakli speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa, b'mod partikolari n-nisa żgħażagħ, li jixtiequ jidħlu fis-settur agrikolu, inklużi kwistjonijiet mhux direttament relatati mal-agrikoltura, bħal kura tas-saħħa adegwata u servizzi soċjali; filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-isforzi kurrenti li jappoġġaw lin-nisa fl-agrikoltura, appoġġ aktar b'saħħtu u mfassal apposta huwa meħtieġ,

speċjalment f'żoni rurali periferiċi biex jiġu żgurati involviment reali u opportunitajiet indaqs; jenħtieġ li jiġu ffaċilitati kundizzjonijiet xierqa għall-parteċipazzjoni attiva tan-nisa f'organizzazzjonijiet agroalimentari rappreżentattivi u fil-korpi ta' ġestjoni tal-intrapriżi agrikoli u l-assoċjazzjonijiet rurali tan-nisa;

Or. en

Emenda 244
Benoit Cassart, Christine Singer, Michael McNamara, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Ciaran Mullooly, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Is-settur tal-bhejjem jikkostitwixxi pilastru essenzjali tal-agrikoltura Ewropea u jikkontribwixxi sostanzjalment għall-ekonomija Ewropea. Madankollu, l-għadd ta' bdiewa li jrabbu l-bhejjem qed jonqos b'mod rapidu minħabba diversi sfidi bħan-nuqqas ta' attraenza, sigħat twal ta' xogħol, possibbiltà limitata li jieqfu jaħdmu għal ftit, nuqqas ta' servizzi ta' sostituzzjoni, investimenti inizjali għoljin fl-infrastruttura, diffikultà biex ikollhom aċċess għall-art u għall-krediti, żieda fil-piż amministrattiv, u multiplikazzjoni tal-mard tal-annimali. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dan is-settur, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi fil-Pjan SNR strateġija għas-settur tal-bhejjem li għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku.

Or. en

Emenda 245
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri hija għodda importanti fl-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-PAK. Jenħtieġ għalhekk li l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali titqiegħed taħt il-lenti, b'attenzjoni speċjali lill-biedja, waqt li jiġi appoġġat ir-rwol ewlieni tan-nisa. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni tan-nisa fil-biedja u jindirizzaw l-isfidi fil-Pjanijiet SNR tagħhom. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri jenħtieġ li tkun parti integrali mit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi tal-PAK. L-Istati Membri għandhom ukoll isaħħu l-kapaċità tagħhom fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u fil-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneri.

Or. en

Emenda 246
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) In-nisa, b'mod partikolari n-nisa żgħażagħ, jistgħu jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali fir-rigward tal-aċċess għall-art, il-finanzjament, it-taħriġ u s-servizzi ta' konsulenza u l-akkwiżizzjoni ta' azjendi

agrikoli, li jistgħu joħolqu ostakli sinifikanti għad-dħul fis-settur agrikolu u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli.

Or. pt

Emenda 247
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-implimentazzjoni tal-PAK tikkontribwixxi biex jiġi żgurat id-dritt taċ-ċittadini li jibqgħu, jaħdmu u jipproduċu fil-post ta' residenza tagħhom, permezz taż-żamma ta' ekonomiji rurali vijabbli u servizzi essenzjali fiż-żoni rurali.

Or. el

Emenda 248
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) L-azjendi agrikoli tat-tagħlim, tal-ittestjar u tar-riċerka — inklużi l-azjendi agrikoli tat-tagħlim tal-istituzzjonijiet edukattivi agrikoli, l-azjendi agrikoli għall-ittestjar tal-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-korpi professjonali kif ukoll l-istazzjonijiet għall-ittestjar tal-istat — jagħtu kontribut indispensabbli għat-tħriġ tal-ġenerazzjoni ta' bdiewa li jmiss, għar-riċerka agrikola applikata u għat-trasferiment tal-għarfien fil-prattika. Jekk diversi azjendi bħal dawn jiġu appoġġati

mill-istess persuna ġuridika, bħal awtorità lokali, università jew istituzzjoni tar-riċerka, id-definizzjoni ta' azjenda skont id-dritt tal-Unjoni tfisser li s-siti kollha għandhom jitqiesu bħala azjenda waħda għall-finijiet tal-PAK. Dan ifisser li l-limiti massimi, id-digressività, il-mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni u l-modulazzjonijiet dipendenti fuq id-daqs, immirati lejn strutturi agrikoli kummerċjali kbar, għandhom jiġu applikati għas-somma tal-azjendi tat-taħriġ u r-riċerka funzjonalment indipendenti, li jirriżulta f'piż amministrattiv sproporzjonat fejn l-iżbalji f'post wieħed jipperikolaw l-appoġġ fil-postijiet kollha. Għalhekk, l-azjendi agrikoli tat-tagħlim, tal-ittestjar u tar-riċerka li huma indipendenti mil-lat organizzattiv jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala negozji indipendenti taħt kundizzjonijiet stretti. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin, dan it-trattament jenħtieġ li jkun limitat għal azjendi li l-fini ewlieni tagħhom huwa l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka jew l-ittestjar agrikolu u forestali skont il-liġi nazzjonali, li diġà kienu jeżistu bħala unitajiet ta' produzzjoni indipendenti qabel is-sottomissjoni ta' din il-proposta u li huma ġestiti separatament f'termini ta' organizzazzjoni, persunal u kontabbiltà.

Or. de

Ġustifikazzjoni

The issue affects numerous Member States: the teaching farms of the French lycées agricoles operated by the public educational institutions (EPLEFPAs), the experimental farms of the German Chambers of Agriculture and state agricultural research institutes, the farms of Ireland's Teagasc colleges, as well as the agricultural school farms operated by the Austrian federal states, all of which, under the definition of a holding in Regulation (EU) 2021/2115, have had to be treated as a single holding for each operating entity. The result is a loss of payments through capping and modulation—measures designed for large commercial farming structures—as well as significant administrative risks associated with the submission of a single consolidated aid application. Teaching and research holdings are not agricultural corporations; they train the young people whose establishment this Regulation seeks to promote elsewhere, and they test the farming practices whose adoption it rewards.

Emenda 249
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) L-aċċess għall-infrastruttura fiżika u diġitali b'servizz affidabbli tal-broadband b'veloċità għolja u l-użu tat-teknoloġija satellitari huma vitali għax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali u biex jingħeleb l-iżolament soċjali; għalhekk huwa importanti li titkompla d-diġitalizzazzjoni gradwali tal-agrikoltura, li tinvolvi aċċess kostanti għall-internet, l-għarfien diġitali, l-innovazzjoni, l-aċċess u s-sjieda tad-data tal-bdiewa, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' taħriġ sabiex jiġu attirati u miżmuma n-nies f'dawn l-oqsma, speċjalment iż-żgħażagħ, filwaqt li jingħataw il-possibbiltà li jibqgħu f'dawn l-oqsma jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan; il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu t-taħriġ disponibbli għall-bdiewa biex jiksbu ħiliet diġitali li jistgħu jgħinuhom jagħmlu l-aħjar użu mill-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni u jaħdmu b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-fatt li l-komunikazzjoni personali u verbali għadha essenzjali għal ħafna bdiewa fil-preżent;

Or. en

Emenda 250
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament

Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu Strateġija nazzjonali dwar id-Diversifikazzjoni tal-Proteini fil-Pjan SNR tagħhom, sabiex itejbu l-effettività u l-koerenza tal-interventi li jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-proteini skont dan ir-Regolament u l-inizjattivi nazzjonali komplementari. Dik l-Istrateġija jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti fir-rigward tad-diversifikazzjoni tal-proteini fis-settur tal-għalf u tal-ikel, inklużi r-rati nazzjonali ta' awtosuffiċjenza tal-għelejjel li fihom il-proteini u l-lakuni potenzjali fil-ktajjen tal-valur, inklużi l-faċilitajiet tal-ipproċessar, tal-ħżin u tad-distribuzzjoni. Jenħtieġ li tkompli tidentifika l-ostakli għad-dħul għad-diversifikazzjoni tal-proteini fil-livell tal-azjendi agrikoli għall-bdiewa ġodda u eżistenti, inkluż fir-rigward tal-kultivazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini, flimkien mal-inizjattivi u l-miżuri nazzjonali proposti biex dawn jingħelbu.

Or. en

Emenda 251
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Bil-ħsieb li tiġi stabbilizzata u diversifikata l-ekonomija rurali, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-iżvilupp, l-istabbiliment u ż-żamma tal-ktajjen tal-valur rurali, inkluż fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija, il-fibri naturali, inkluż is-suf, u l-agrituriżmu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ isaħħaħ il-ħolqien tal-

valur lokali permezz tal-ipproċessar u l-innovazzjoni, li jippermetti lill-bdiewa u lill-intrapriżi rurali jiksbu sehem akbar tal-valur miżjud iġġenerat mill-produzzjoni agrikola. Jenħtieġ li jintużaw strumenti finanzjarji biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi, jiġi sfruttat l-investiment, u jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli u intrapriżi rurali reżiljenti u kompetittivi.

Or. en

Emenda 252
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(6c) Sabiex jiġu żgurati provvisti tal-ikel sikuri u affordabbli fil-futur, ir-riforma l-ġdida jenħtieġ li tindirizza l-fenomenu tal-konċentrazzjoni tal-art jew tal-"ħtif tal-art", l-art hija riżorsa dejjem aktar skarsa, li mhijiex rinnovabbli, u hija l-bażi tad-dritt tal-bniedem għal ikel tajjeb għas-saħħa u suffiċjenti, u ta' ħafna servizzi tal-ekosistema vitali għas-sopravivenza, u għalhekk jenħtieġ li ma tiġix ittrattata bħala oġġett ordinarju ta' merkanzija, l-art hija mhedda, minn naħa waħda, mit-telf ta' art agrikola permezz tal-issiġillar tal-ħamrija, tal-iżvilupp urban, tat-turiżmu, tal-proġetti ta' infrastruttura, u tat-tixrid tad-deżertifikazzjoni kkawżat mit-tibdil fil-klima, u, min-naħa l-oħra, mill-konċentrazzjoni tal-art f'idejn impriżi agrikoli fuq skala kbira u investituri minn barra s-settur tal-biedja. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet li jikkontrollaw u jillimitaw it-telf ta' art agrikola permezz ta' tali attivitajiet,**

azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, sjieda diretta jew kera regolata kif xieraq, u aċċess għal art komuni, huma l-aħjar mod biex tiġi żgurata relazzjoni responsabbli mal-ġestjoni tal-art u tal-art sostenibbli, u biex jitrawmu l-identifikazzjoni u s-sens ta' appartenenza. Tali forom ta' pussess jinkoraġġixxu linnies jibqgħu fiż-żoni rurali u jippermettulhom jaħdmu hemmhekk, li għandu impatt pożittiv fuq l-infrastruttura soċjoekonomika taż-żoni rurali, is-sigurtà tal-ikel, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-istil ta' ħajja rurali;

Or. en

Emenda 253
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Recital 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuż li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuż li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u

tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti. ***Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali meħtieġa fi ħdan il-PAK, sistema bbażata fuq l-inċentivi, li tirrifletti l-impenn ta' żmien mogħti mill-benefiċjarju, aktar milli sistema bbażata purament fuq l-obbligi, tista' twassal aħjar għal objettivi ambjentali u soċjali ambizzjużi; huwa vitali, meta tiġi kkalkulata r-remunerazzjoni dovuta għas-servizzi pprovduti, li l-metodoloġija tmur lil hinn mil-lenti dejqa ta' "kostijiet imġarrba u introjtu mitluf" mill-bidwi, peress li t-telf soċjoekonomiku għall-komunità usa' jista' jkun ħafna akbar bit-telf kemm tal-attività ekonomika upstream kif ukoll downstream fiż-żona lokali; il-fondi għal dan l-intervent jenħtieġ li jiġu mill-PAK ikkomplementati minn fondi nazzjonali biex jinċentivaw tranżizzjoni ekoloġika u ġusta biex jappoġġaw lill-bdiewa fl-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju sostenibbli adattati lokalment;***

Or. en

Emenda 254
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera ***t-tranżizzjoni*** lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu ***għall-objettiv*** tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura***, b'mod partikolari l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi***. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera ***t-twettiq tal-impenji tal-UE*** lejn ***tranżizzjonijiet agroekoloġiċi u aktar,***

ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuży li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu ***għat-tiġdid ġenerazzjonali, u oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi kif elenkati fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll obbligi u impenji oħra tal-UE u internazzjonali, bħall-objettiv*** tan-newtralità klimatika sal-2050***, il-mira klimatika intermedja sal-2040 u l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri għall-bijodiversità sal-2030 skont il-Qafas ta' Kunming-Montreal***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuży li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti, ***li ma jżawx gaġeġ u spazji żgħar ħafna għat-trobbija f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)4747 li tirrispondi għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the Cage Age". Dan se jirrikjedi żieda annwali sostanzjali matul dan il-perjodu u l-perjodu sussegwenti tal-PAK,***

Or. en

Emenda 255
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK,	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK li

li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni ***aktar*** sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar ***reżiljenti***.

huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul u għall-vijabbiltà tal-agrikoltura, b'mod partikolari l-protezzjoni ambjentali, ***b'mod partikolari tranżizzjoni lejn aktar produzzjoni tal-ikel ibbażata fuq il-pjanti, li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u inqas tbatija għall-annimali***. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, ***u għall-perkorsi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 u l-2040, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, peress li r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli ma tistax tinkiseb mingħajr ma jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura u l-użu tal-art.*** Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar ***organiċi u agroekoloġiċi, li ma jużawx gaġeġ u spazji żgħar ħafna għat-trobbija f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)4747***.

Or. en

Emenda 256
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ***li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji***. ***Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.***	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ***filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tal-agrikoltura Ewropea u s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni***.

Or. fr

Emenda 257
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li ***taċċellera*** t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jingħataw biżżejjed flessibbiltà biex*** jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK***,*** ***filwaqt li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u d-diversità tal-istrutturi agrikoli,*** li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li ***tappoġġa*** t-

ġdida jenħtieġ li ***toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi*** tal-ekosistema ***aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ***ġdid*** bejn ***intendenza*** tal-azjendi agrikoli ***b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji,*** u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi ***li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti***.

tranżizzjoni ***gradwali*** lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli ***u ekonomikament vijabbli***, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***, b'mod ibbilanċjat u realistiku***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ***tirrikonoxxi u tinċentiva b'mod xieraq is-servizzi volontarji*** tal-ekosistema ***pprovduti mill-bdiewa, filwaqt li tiżgura li tali miżuri jibqgħu kompatibbli mal-objettiv primarju tal-produzzjoni tal-ikel u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib ***approċċ ġdid ta'*** bilanċ bejn ***ir-rekwiżiti bażi obbligatorji għall-intendenza*** tal-azjendi agrikoli u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi ***volontarji u bbażati fuq l-inċentivi, tiżgura li l-bdiewa jiġu kkumpensati b'mod adegwat għall-impenji li jmorru kontra l-obbligi legali, filwaqt li jinżammu l-kompetittività u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel***. ***Barra minn hekk, il-miżuri jenħtieġ li jitfasslu b'tali mod li jiġi evitat li jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-bdiewa, b'mod partikolari għall-azjendi żgħar u ta' daqs medju.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata ċentralizzazzjoni eċċessiva u biex tiġi riflessa d-diversità tal-mudelli agrikoli madwar l-Istati Membri, filwaqt li jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat bejn l-objettivi klimatiċi, il-vijabbiltà ekonomika, u l-kompetittività tal-bdiewa. Dan l-approċċ għandu wkoll l-għan li jipprevjeni żbilanċ bejn il-produzzjoni tal-ikel u r-rekwiżiti ambjentali u li jsaħħaħ il-prinċipju tal-volontarjat u l-kumpens ġust għall-bdiewa.

Emenda 258
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuż li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta’ rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b’sett ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti.	(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà ***ekonomika, ambjentali u soċjali*** fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjuż li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta’ rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b’sett ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti. ***Il-miżuri kollha skont il-qafas il-ġdid tal-Politika Agrikola Komuni għandhom jiġu mfassla u implimentati b’mod konsistenti mal-objettiv li jissaħħaħ l-introjtu tal-azjendi agrikoli, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impatt ta’ tali miżuri jkun rifless fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta’ Sħubija Reġjonali Nazzjonali tagħhom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aspetti kollha tas-sostenibbiltà, b’mod partikolari s-sostenibbiltà ekonomika, jeħtieġ li jiġu ddokumentati aħjar fir-Regolament minħabba l-livell aktar frekwenti ta’ volatilità tal-prezzijiet li qed jiffaċċjaw il-bdiewa.

Emenda 259
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera ***t-tranżizzjoni*** lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni ***aktar*** reżiljenti.	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK ***u oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi***, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li ***tippromwovi r-reżiljenza trasformattiva[1a], li permezz tagħha*** taċċellera ***wkoll it-tranżizzjoni*** lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, ***l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għar-Reżiljenza tal-Ilma u l-impenji internazzjonali għall-bijodiversità skont il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji ***u li jissalvagwardjaw il-wirt naturali tal-Unjoni u jgħinu jippreżervaw il-pajsaġġi bijodiversi tal-wirt***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali, ***ambjentali tal-forestrija*** u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti.
	[1a] Terminu użat fir-rapport finali tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE disponibbli fuq: https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/171329ff-0f50-4fa5-946f-aea11032172e_en?filename=strategic-dialogue-report-2024_en.pdf

Or. en

Emenda 260
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***. Barra minn hekk, il-PAK jenħtieġ li tappoġġa l-objettivi tal-Unjoni li tnaqqas l-użu ta' aġenti antimikrobiċi fit-trobbija tal-bhejjem, b'mod partikolari billi tippromwovi prattiki agrikoli li jnaqqsu l-ħtieġa ta' aġenti antimikrobiċi***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti ***li, skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 4747, ma jinkludux it-trobbija fil-gaġeġ***.

Or. de

Emenda 261
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta’ rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b’sett ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti.	(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***, peress li s-settur agrikolu għandu l-potenzjal li jnaqqas l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra relatati mal-agrikoltura u l-użu tal-art***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta’ rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b’sett ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti***, bħall-biedja organika, ħielsa mill-gaġeġ u mill-konfinament strett, f’konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)4747 b’reazzjoni għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “End the Cage Age”***.

Or. fr

Emenda 262
Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-	(7) F’konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-

rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn ***agrikoltura bbażata fuq il-pjanti u*** metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. ***Jenħtieġ li l-PAK tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-użu tal-antimikrobiċi fit-trobbija tal-bhejjem, b'mod partikolari billi tappoġġa prattiki tal-biedja li jnaqqsu d-dipendenza fuq l-inputs antimikrobiċi.*** Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti***, inklużi t-tneħħija gradwali tal-gaġeġ u s-sistemi ta' spazji żgħar ħafna għat-trobbija għall-ispeċijiet imrobbija kollha***.
	Or. en

Emenda 263
Ton Diepeveen, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet

SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li ***taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida*** jenħtieġ li ***toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta'*** rekwiżiti obbligatorji. ***Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.***	SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li ***tappoġġa lill-bdiewa fit-titjib tal-kompetittività permezz ta' miżuri volontarji, ibbażati fuq inċentivi u ekonomikament vijabbli. Tali miżuri*** jenħtieġ li ***ma jintroduċux*** rekwiżiti ***ambjentali jew klimatiċi*** obbligatorji ***addizzjonali għall-bdiewa***.
	Or. en

Emenda 264
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett***	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***, peress li s-settur tal-biedja għandu l-potenzjal li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura u mill-użu tal-art***.

ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

Or. en

Emenda 265
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura***. *Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

Or. en

Emenda 266
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà ***u r-reżiljenza*** fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-PAK li jmiss ma twassal għall-ebda rigress fil-livell ta' finanzjament u protezzjoni għall-ambjent u l-azzjoni klimatika meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti.***

Or. en

Emenda 267
Valentina Palmisano, Dario Tamburrano, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-

rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà ***u r-reżiljenza*** fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-PAK li jmiss ma twassal għall-ebda rigress fil-livell ta' finanzjament u protezzjoni għall-ambjent u l-azzjoni klimatika meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti.***
	Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri ma għandhomx inaqqsu l-livelli ta' nfiq attwali għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi.

Emenda 268
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK,	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK,

li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

li huma essenzjali għas-sostenibbiltà ***ekonomika, ambjentali u soċjali*** fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli ***u reżiljenti***, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***, filwaqt li jrawmu l-adattament għat-tibdil fil-klima***. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni ***sistemika*** lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fond ta' tranżizzjoni li huwa parti mill-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi l-ġodda fl-Artikolu 10 għandu jappoġġa bidla sistemika fl-azjenda agrikola, li tmur lil hinn mill-implimentazzjoni ta' prattiki sostenibbli biss. It-tranżizzjoni għandha l-għan li tappoġġa bidla fis-sistema tal-produzzjoni lejn mudelli ta' produzzjoni reżiljenti, adattati għat-tibdil fil-klima fit-tul.

Emenda 269
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet ***SNR*** tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet ***NRPAK*** tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà

tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima ***u l-benessri*** tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.	***u l-vijabbiltà*** fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima***, il-bijodiversità, il-benessri*** tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti***, bħall-biedja organika***.
	Or. en

Emenda 270
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett

ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti.

ta’ rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi ***fakultattivi*** li jappoġġaw impenji ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta’ produzzjoni aktar reżiljenti.

Or. pt

Emenda 271
Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku tas-servizzi tal-ekosistema li huma ta’ benefiċċju għall-ambjent, il-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-arja, l-enfasi jenħtieġ li tkun fuq approċċi olistiċi u pluriennali li huma attraenti wkoll għall-bdiewa żgħażagħ u jikkombinaw opportunitajiet ekonomiċi ma’ eżiti ambjentali sostenibbli u responsabbiltà soċjali. Dawn jinkludu, b’mod partikolari, inċentivi għas-settur organiku li qed jikber permezz ta’ appoġġ attraenti għall-konverżjoni u l-manutenzjoni, kif ukoll objettivi speċifiċi ta’ żvilupp u programmi ta’ azzjoni fil-livell nazzjonali. Il-produzzjoni organika, kif definita fir-Regolament (UE) 2028/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, hija strument ewlieni biex jinkisbu d-diversi prijoritajiet ewlenin għall-PAK wara l-2027, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-PAK. Skont l-aħjar prattiki għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi ppubblikati mill-Kummissjoni, il-biedja organika tikkontribwixxi b’mod olistiku għall-prijoritajiet l-oħra kollha tal-PAK fl-istess ħin. Barra minn hekk, is-sistema tal-biedja organika

tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tas-settur agrikolu Ewropew skont il-Politika Agrikola Komuni permezz tal-indipendenza tiegħu minn fertilizzanti kimiċi sintetiċi u importazzjonijiet relatati, id-diversifikazzjoni tal-għelejjel, it-trobbija tal-bhejjem ibbażata fuq l-art u l-evitar ta' pestiċidi kimiċi sintetiċi, għall-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tas-settur agrikolu Ewropew kif previst skont il-Politika Agrikola Komuni. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprijoritizzaw il-biedja organika bħala għodda strateġika. L-allinjament tal-mudelli tan-negozju mal-kriterji agroekoloġiċi, bħall-biedja organika, jenħtieġ li jitqies ukoll fil-kuntest tal-bidla ġenerazzjonali, filwaqt li jitqies l-appell akbar ta' tali prattiki għall-bdiewa żgħażagħ. Fl-istess ħin, is-suq għall-prodotti organiċi għandu jissaħħaħ bl-użu tal-istrumenti disponibbli taħt il-PAK, flimkien ma' diversi miżuri fil-livell Ewropew u nazzjonali.

Or. en

Emenda 272
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-biedja organika, l-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem, l-agroekoloġija, l-agroforestrija, is-sistemi tal-biedja riġenerattiva u l-forestrija qrib in-natura jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Unjoni relatati mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ħamrija, ir-reżiljenza tal-ilma u r-reżiljenza tas-sistemi tal-forestrija u tal-produzzjoni agrikola filwaqt li jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn

pajjiżi terzi relatati mal-fjuwils fossili u l-fertilizzanti artifiċjali. Billi jibbażaw fuq il-proċessi ekoloġiċi, id-diversifikazzjoni u d-dipendenza mnaqqsa minn inputs esterni, dawn l-approċċi jsaħħu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-azjendi agrikoli filwaqt li jappoġġaw lil komunitajiet rurali vijabbli. It-tranżizzjoni lejn sistemi tal-biedja organika, estensiva, agroekoloġika, agroforestrali u riġenerattiva u lejn forestrija qrib lejn in-natura tirrikjedi bidliet strutturali. Tranżizzjonijiet bħal dawn jinvolvu kostijiet tranżizzjonali u riskju għall-bdiewa u għall-forestiera, u għalhekk jirrikjedu appoġġ pubbliku stabbli u pluriennali. Sabiex jiġi żgurat kontribut koerenti u effettiv tal-Politika Agrikola Komuni lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jeħtieġ li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju għall-iskemi ta' tranżizzjoni fl-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw sehem adegwat mill-finanzjament tal-PAK biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-biedja bħal dawn kif definiti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 273
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) It-trobbija sostenibbli tal-bhejjem hija importanti għall-iżvilupp rurali, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni tal-pajsaġġ u s-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari f'żoni żvantaġġati u pajsaġġi b'Valur Naturali Għoli, il-produzzjoni tagħhom għandha rwol komplementari fil-preżervazzjoni tal-

pajsaġġi kulturali tradizzjonali u żżomm il-karatteristiċi ta' beneficċju taż-żoni rurali, jista' jkun meħtieġ li s-settur jiġi pprovdut b'appoġġ finanzjarju addizzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tiegħu; l-għajnuna pprovduta jenħtieġ li tissodisfa l-prinċipju "la tagħmilx ħsara" u jenħtieġ li jintwera li hemm ħtieġa jew beneficċju ambjentali jew soċjali ċar, iġġustifikat b'evidenza empirika kwantifikabbli u verifikabbli b'mod indipendenti;

Or. en

Emenda 274
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-biedja organika għandha rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn sistemi agroalimentari sostenibbli u jenħtieġ li tiġi promossa. Jenħtieġ li l-Istati Membri, permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom, jiżguraw appoġġ għal sehem dejjem akbar ta' art agrikola ġestita taħt l-iskema tal-biedja organika u jiżguraw li l-baġits allokati jaqblu ma' tkabbir sinifikanti fil-biedja organika billi jistabbilixxu miżuri ffinanzjati b'mod adegwat għall-konverżjoni u ż-żamma ta' azjendi agrikoli organiċi peress li diġà qed jikkontribwixxu għall-prosperità ekonomika taż-żoni rurali, għas-sovranità tal-ikel, għar-reżiljenza u għall-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew fis-suq globali.

Or. en

Emenda 275
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex jittejbu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-aċċettazzjoni pubblika tal-Politika Agrikola Komuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu sistema trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza ta' punti u premji għall-valutazzjoni tal-beni pubbliċi u s-servizzi tal-ekosistema mogħtija mill-bdiewa u minn maniġers oħra tal-art u b'hekk iħallsu lill-bdiewa u lil maniġers oħra tal-art. Sistema bħal din jenħtieġ li tipprovdi qafas armonizzat għar-rikonoxximent tal-forniment ta' beni pubbliċi li mhumiex remunerati mis-suq. Is-sistema jenħtieġ li tiffaċilita l-appoġġ orjentat lejn ir-riżultati filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jadattaw l-indikaturi għaċ-ċirkostanzi reġjonali.

Or. en

Emenda 276
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex jiġi żgurat li l-politika tibqa' waħda integrali, effettiva u intrinsikament komuni, l-inkorporazzjoni tal-finanzjament tal-PAK fi ħdan il-Fond Uniku jenħtieġ li ma sservix biex tifframmenta l-objettivi, l-istrumenti jew l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-PAK bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, miżuri speċifiċi għal setturi

bħall-inbid, bħall-frott, bħall-ħxejjex u bħall-għasel jenħtieġ li jkomplu jiġu rregolati permezz ta' qafas komuni tal-Unjoni sabiex jipprovdu trattament ugwali għall-operaturi tas-settur, ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku.

Or. pt

Emenda 277
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lill-bdiewa jiksbu standards ogħla tal-benessri tal-annimali, billi jipprovdu appoġġ suffiċjenti fil-pjanijiet SNR tagħhom biex itejbu s-saħħa u l-benessri tal-annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja. F'konformità mal-konklużjonijiet tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE, l-appoġġ għall-benessri tal-annimali jenħtieġ li jkun immirat lejn sistemi ta' biedja li jiżguraw annimali aktar b'saħħithom li jkunu kapaċi jġibu ruħhom b'mod naturali, bi spazju u riżorsi suffiċjenti, aċċess għal ikel adegwat u ilma nadif, f'ambjenti li jippromwovu benessri u stat mentali aħjar.

Or. en

Emenda 278
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġi u għall-ġestjoni sostenibbli taż-żoni rurali. Iż-żamma ta' agrikoltura attiva, b'mod partikolari tat-trobbija estensiva tal-bhejjem u tal-pastoraliżmu, tikkontribwixxi biex jiġu llimitati l-abbandun tal-art, it-telf tal-ħabitat u l-akkumulazzjoni tal-bijomassa tal-pjanti li tista' twassal għan-nirien. Għalhekk, l-appoġġ għal dawn il-prattiki agrikoli jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-riskji naturali u għall-protezzjoni taż-żoni rurali.

Or. fr

Emenda 279
Benoit Cassart, Christine Singer, Michael McNamara, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Ciaran Mullooly, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-miżuri agroambjentali ffinanzjati skont il-PAK jenħtieġ li jitfasslu u jiġu implimentati biex jippreżervaw il-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel. Tali miżuri ma għandhomx jirriżultaw fi tnaqqis fil-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel kif ukoll f'żieda fid-dipendenza Ewropea fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli. Dan il-prinċipju jenħtieġ li ma japplikax għall-biedja organika.

Or. en

Emenda 280
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi ta' appoġġ speċifiċi għal għelejjel tradizzjonali u prodotti agroalimentari indiġeni prodotti esklużivament f'reġjuni muntanjużi, insulari u remoti, li jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali, il-bijodiversità u l-ekonomija lokali.

Or. el

Emenda 281
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw appoġġ kontinwu għall-biedja organika permezz ta' miżuri ffinanzjati b'mod adegwat li jkopru kemm il-konverżjoni għall-produzzjoni organika kif ukoll iż-żamma tagħha, u b'hekk jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-objettivi ambjentali u l-prosperità soċjoekonomika taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 282
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn xieraq, ifasslu interventi agroambjentali klimatiċi b'mod kompatibbli mar-rekwiżiti metodoloġiċi tas-swieq emerġenti tal-kreditu tal-karbonju u tan-natura, u b'hekk jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni futura tal-bdiewa attivi f'tali skemi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tal-interventi agroambjentali klimatiċi mal-metodoloġiji emerġenti tas-suq tal-kreditu tal-karbonju u tan-natura jippermetti lill-bdiewa jikkombinaw l-appoġġ tal-PAK mad-dħul privat futur, filwaqt li jsaħħaħ id-diversifikazzjoni tal-introjtu u l-vijabbiltà ekonomika mingħajr ma jikkompromettu l-ambizzjoni ambjentali.

Emenda 283
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Il-biedja organika għandha rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u jenħtieġ li tiġi promossa. Permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw appoġġ kontinwu u akbar għall-biedja organika, filwaqt li jistabbilixxu miżuri li jkunu ffinanzjati b'mod adegwat għall-konverżjoni u għaż-żamma tal-azjendi agrikoli organiċi li diġà jikkontribwixxu għall-prosperità ekonomika taż-żoni rurali, għas-sovranità tal-ikel u għall-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew fis-suq globali. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli, il-miżuri jridu jitfasslu b'tali mod li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u ma jiġġenerawx piżijiet amministrattivi

sproporzjonati għall-bdiewa, speċjalment għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju. Dan jista' jsir billi jiġu pprovduti biżżejjed inċentivi għall-bdiewa u għall-parteċipanti ġodda biex jinvolvu ruħhom fil-biedja organika, filwaqt li jissaħħaħ is-suq organiku bl-għodod disponibbli fil-PAK, flimkien ma' miżuri differenti fil-livell Ewropew u nazzjonali.

Or. en

Emenda 284
Barry Cowen, Asger Christensen, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Sabiex jiġu armonizzati l-prattiki tal-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni tal-klawżola ta' forza maġġuri, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi, fejn xieraq, eżenzjonijiet mir-regoli tal-PAK f'każijiet ta' force majeure u f'ċirkostanzi eċċezzjonali kif ukoll lista mhux eżawrjenti ta' każijiet ta' force majeure li jista' jkun hemm u ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jridu jirrikonoxxu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddeċiedu każ b'każ u abbażi tal-provi rilevanti jekk ikunx hemm force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi, eżenzjonijiet mir-regoli tal-PAK f'każijiet ta' force majeure u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal fil-każ ta' event meteoroloġiku sever li jaffettwa b'mod gravi l-impriża tal-benefiċjarju f'livell li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali sever.

Or. en

Emenda 285
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Fil-kuntest tal-PAK, l-enerġija agrofotovoltajka u l-kultivazzjoni ta' għelejjel intermedji jistgħu jipprovdu sorsi addizzjonali ta' introjtu għall-bdiewa, dment li l-art tintuża primarjament għall-produzzjoni agrikola u li l-produzzjoni tal-ikel ma tiġix affettwata. Barra minn hekk, minbarra li jikkontribwixxu għall-produzzjoni agrikola, l-għelejjel intermedji – b'mod partikolari l-għelejjel sekondarji u ta' kopertura – jistgħu jipprovdu materja prima sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijofjuwils u għalhekk jagħmlu lill-Unjoni inqas dipendenti mill-proteini veġetali importati għall-għalf tal-annimali.

Or. pt

Emenda 286
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) L-agrikoltura twassal għal firxa wiesgħa ta' beni pubbliċi li huma fundamentali għall-objettivi ambjentali, klimatiċi u soċjetali tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' attività agrikola għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament tirrikonoxxi li l-forniment ta' tali beni pubbliċi huwa komponent tal-attività agrikola. Dan jiżgura li l-Politika Agrikola Komuni tirrikonoxxi u tappoġġa b'mod xieraq il-kontributi tal-bdiewa lis-

soċjetà lil hinn mill-produzzjoni ta' oġġetti kummerċjabbli u ssaħħaħ ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi agrikoli.

Or. en

Emenda 287
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli, il-miżuri jridu jitfasslu b'tali mod li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u ma jiġġenerawx piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-bdiewa, speċjalment għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju. Dan jista' jsir billi jiġu pprovduti biżżejjed inċentivi għall-bdiewa u għall-parteċipanti ġodda biex jinvolvu ruħhom fil-biedja organika, filwaqt li jissaħħaħ is-suq organiku bl-għodod disponibbli fil-PAK, flimkien ma' miżuri differenti fil-livell Ewropew u nazzjonali.

Or. en

Emenda 288
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) F'konformità mal-konklużjonijiet tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura fl-UE, jenħtieġ li l-appoġġ għall-benessri tal-annimali

jikkontribwixxi għal sistemi ta' trobbija li jirriflettu l-mudell ta' ħames dominji, fejn jenħtieġ li l-annimali tar-razzett ikunu b'saħħithom, ikollhom biżżejjed spazju u riżorsi, ikunu jistgħu jesprimu mġiba naturali, ikollhom aċċess għal għalf adegwat u ilma nadif, u jesperjenzaw ambjenti li jippromwovu stati mentali pożittivi[1a].

[1a] Mir-Rapport Finali dwar id-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-Agrikoltura tal-UE. Disponibbli fuq: https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/171329ff-0f50-4fa5-946f-aea11032172e_en?filename=strategic-dialogue-report-2024_en.pdf

Or. en

Emenda 289
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) L-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta, u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija essenzjali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba. Prattiki agrikoli effiċjenti fl-użu tal-ilma, bħall-irrigazzjoni ta' preċiżjoni, l-użu ta' ilma riċiklat u l-kultivazzjoni ta' varjetajiet reżistenti għan-nixfa, jistgħu jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma.

Or. fr

Emenda 290

Paulo do Nascimento Cabral, Sérgio Humberto, Ana Miguel Pedro, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Fil-kuntest tal-PAK u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan mid-demel tal-bhejjem, l-iskart agrikolu u prodotti sekondarji organiċi oħra tista' tipprovdi lill-bdiewa b'sors addizzjonali ta' introjtu, tagħmel lill-azjendi agrikoli u liż-żoni rurali aktar awtosuffiċjenti fil-mod kif jużaw l-enerġija, u tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Id-diġestjoni anaerobika tipproduċi diġestat li jista' jintuża bħala fertilizzant organiku, u b'hekk tnaqqas id-dipendenza minn fertilizzanti minerali u theġġeġ ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti fil-ħamrija agrikola.

Or. pt

Emenda 291
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat, inkluża l-kontinwazzjoni tal-appoġġ ta' skemi eżistenti diġà adottati mill-bdiewa kif ukoll biex jiġi pprovdut appoġġ għall-iskemi l-ġodda ta' tranżizzjoni, l-allokazzjoni finanzjarja għal azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi għandha tkun ta' 35 % tal-baġit allokat għall-PAK.

Or. en

Emenda 292
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7d) Fil-kuntest tal-iżgurar tas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali u l-użu effettiv tar-riżorsi tal-Unjoni, jenħtieġ li jinftiehem li l-monitoraġġ u r-rapportar in situ u ex situ huma parti importanti għall-protezzjoni effettiva tal-ambjent, il-preżervazzjoni tal-bijodiversità u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet. Għalhekk, l-attivitajiet rilevanti ta' monitoraġġ u rapportar, bħal dawk għall-kalkolu tal-Indikatur tal-Pollinatur tal-Art Agrikola, il-monitoraġġ tal-ħamrija jew il-monitoraġġ tal-kontaminanti permezz tan-naħal tal-għasel, jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri kollha b'mod regolari, inkluż mill-pakkett ta' Assistenza Teknika, biex jinċentivaw u jappoġġaw lill-bdiewa fl-implimentazzjoni, inkluż permezz ta' pariri u trasferiment tal-għarfien. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-użu tar-riżorsi fir-rigward tal-monitoraġġ, bħala prekundizzjoni għall-isforzi ta' konservazzjoni jew protezzjoni.

Or. en

Emenda 293
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li ***l-intendenza tal-azjendi***	(8) Jenħtieġ li ***r-rekwiżiti statutorji ta'***

agrikoli tiġi stabbilita biex tiggarantixxi l-konformità tal-appoġġ tal-PAK mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. L-intendenza tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li tinkludi rekwiżiti minimi ta' kundizzjonalità ambjentali ***u soċjali, kif ukoll prattiki protettivi mfassla mill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi ewlenin bħall-protezzjoni tal-ħamrija u tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw dawk il-prattiki protettivi għall-kuntest ġeografiku u klimatiku u għas-sistemi ta' produzzjoni speċifiċi tagħhom inkluż billi jistabbilixxu eżenzjonijiet. Sabiex tiġi promossa agrikoltura soċjalment sostenibbli, ċerti pagamenti tal-PAK jeħtieġu konformità mal-istandards dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Jenħtieġ li jitħarsu l-Karta Ewropea u d-diversi oqfsa nazzjonali u mudelli tas-suq tax-xogħol, u jenħtieġ li l-ebda obbligu addizzjonali ma jiġi impost fuq is-sħab soċjali jew l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar jew il-kontrolli, filwaqt li jiġu evitati korrezzjonijiet doppji.***

ġestjoni jikkostitwixxu l-livell bażi tar-rekwiżiti ambjentali***, klimatiċi, pubbliċi, tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni diġà stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.***

---

[7]Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Or. en

Emenda 294
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
